# Żieda ta' Kliem u Tifsir

*(Jorbot ma' "Leħen il-Malti" Għadd 200-202)*

BABU—vavu. *Bebbux babu* jew *vavu* i.e. xorta ta' bebbux żgħir nett jitrabba taħt ħitan tad-dell ta' xi barriera, ħekk imsejjaħ għax donnu vavu mfisqi.

BAHRI—li jinqala' sewwa f'xi ħaġa; mhux rekluta. *Dak baħri! Hareġ baħri wisq għar-rkib!*—'an adept''.

BAJDU (jew ħanxul)—il-għeruq tal-ħaxixa Ingliża. Ikun ħelu u jikluh it-tfal.

BAJJAD (bàjjad)—ħall, iħoll fl-istonku; igħaddi mill-istonku jew ħawsla. *In-nagħma tbàjjad il-ħadid*—to assimilate.

BALALU—bħal baħnan, ma jaf xejn.

BALZMU—Bajda safja merfugħa minn nhar il-Lunzjata sa għeluq sena wara. *Bajda biex issir balzmu la trid tkun tas-sriedak inqas udiegħa.*

BALIENA—Huta ta' kobor bla qies li jwaħħax, qisha għaġeb tal-baħar.

BALUMBA—Hekk isejħulha tar-raħal il-qanpiena li ssejjaħ in-nies għaxxogħol it-Tarzna.

BALARDAJ—Kif ġie ġie; kulħadd igħaffeġ. *Bdew jagħtu balardaj.*

BAQBAQ—Jagħmel il-ħoss ta' l-ilma jagħli, jew li jrid jinfexx minn taħt l-art minn toqob żgħar. *"Fi Frar jekk tkun għamlet ix-xita l-ilma jarma jbaqbaq minn taħt l-art."*

BAQQIEGHA, BAQQIGHAT—Roqgħa ħaxix, art, baħar, ħaġar u x'naf jien. Ara: *Baqqiegħa t'Adam baqgħet ħadra; l-art x'imkien baqqigħat baqqigħat* (xejn ma tixtiebah); *għalift kemm-il baqqiegħa* (posta) *iżda l-ħut ma jridx imiss; baqqiegħa deheb.*

BARAD—*Ir-raddiena tal-ħalġ ħrid tobrodha kull tmint ijiem.*

BARBETTA—Biċċa ħabel imdawwra mar-rota tad-dgħajsa tiswa biex mal-mol tad-dgħajsa jżommha qisu minn rasha, bħalma bl-iskarpa l-barri, biex ma tiġbdux.

BARRA—*Sa barra*, modo avverbiale. *Tixtri l-aħdar sa barra* jiġifieri tixtrih fl-art (il-ħaxix) ikun għadu aħdar għalli jista' r-riżq bit-tama li mita taħsad tagħmel wiċċ ieħor ħlief dak li ħadt.

BARJOL—Barmil, satal.

BARRAĠ (ibarraġ)—Italla' bini li jkun, jibni. *Sendaq u barraġ.*

BARRAN—barrani. *Sieħeb fil-każin, iżda barran mill-banda.*

BARŻAKK—ħotbi, għax bħal dak li qallu għandu barżakka wara dahru.

BARRU—id-dukkar imwaħħar, tat-tin eċċ. *It-tielet boton tad-dukkar.*

BARQAM (iborqom)—igorr bħall-ħamiem.

BASTUN—Bastun tal-menża: *Bejn erba' l-menża tirtafa' b'żewġ bsaten.*

BATRA—Denbu maqtugħ qasir ħafna. *Ziemel batra;* bit-Taljan *cortaldo.*

BAŻLOKKI—Imraden. *Daqqu s-seba' tokki—U għad m'għażiltx erba' bażlokki* (jew bżallijiet).

BAZUGA—Huta tar-rqiq (fina); tixbah lill-paġella iżda inqas ċatta; tixbah lill-vopi, iżda inqas gerbubija. Il-bażuga tgħix mal-vopi u hi ħuta messiesa (li tmiss) u tħobb iddur max-xtut.

BAXX—Kmieni: *Il-Karnival ħabat jew kien baxx għamnewwel* (ġie qabel).
BAŻIŻA—Kelma gustuża li jfissdu ż-żgħar biha. Voce vezzegiativa; a name of endearment.
BAGHAL—Dik il-fergħa tas-siġra twila twila li tgħalleb is-siġra mingħajr friegħi. *Is-siġra la trabbi l-bagħal togħkos. Raqqadt bagħal tal-ġiżimin.*
BEDL-IN-NISEL—It-tfal li tielgħa; ilkoll f'daqqa; "la nascente generazione, the rising generation".
BEĠEJĠU—Paċaċu, iblah, ħmar.
BEJTA—Biċċa tal-moħriet, dik li s-*sikka* tidħol fiha.
BELLA—(minn bell). Eż. Dan il-muftieħ ma jdurx; għandu bżonn ta' bella żejt.
BELQA—*Mogħża belqa*: li xagħarha mżewwaq bl-abjad jew imżernaq.
BENA—Eż. *Bena l-ħalla taż-żara'*: għamel il-qatet kollha fuq xulxin, għamilhom munzell kbir.
BENJAMIN—L-iben jemini jew l-iben tal-lemin; figatell, bażużlu; ta' taħt il-ġewnaħ; segretarju.
BERDGHI—Li għandu l-berdgħa.
BERMEĊ—Għaffeġ u dawwar bejn subgħajh, eż. *qabad bergħud u bermċu bejn subgħajh; bermeċ muswafih* (mustaċċih).
BERKUN—Mnejn toħroġ iż-żerriegħa.
BEWL IL-HMIR—Marda jew mess ta' xi ħaxix li biha l-weraq jibjad; eż. *Is-silla timtess b'bewl il-ħmir.*
BEWWEX (il-lum bewweġ)—Eż. *Zewweġ u bewweġ.*
BEWWAQ—Ħalli fieragħ minn ġewwa: eż. *Bewwqet żaqqha biex żejnet qaddha*, i.e. baqgħet nieqsa minn żaqqha biex libset sabiħ. ... ...
BHUR—Eż. Ta l-bħur: i.e. neħħa t-tniġġis bid-duħħan.
BICCA—Uqija. Il-bċejjeċ ta' Sqallija jew ewwieq ta' Malta ġew imneħħija fl-1887.
BIEQA—Biċċa ħabel tar-rbit b'ħolqa fit-tarf minnha fiha għall-ingassa biex biha jżommu ġiem il-baqra; sitta jew sebat iqjiem ħabel biex jorbtu qrun il-baqra bih u jżommuha u jmexxuha bih meta jeħduha xi mkien bħal kieku taħrat, tidres. Mela, *il-bieqa taqdi ta' riedna u ta' ġiem.*
BIN—Nisel; *bin il-għeneb*: għasir tal-għeneb, "prodotto d'uva, the product of grapes"; *il-kotba bin il-kotba*, "libri ex libri"; *Il-baqar bin baqartek u t-tfal bint martek; Is-silla u l-ful bin l-ilma* (taħmel ix-xita); *iż-żara' mhux bin l-ilma.*
BIR—Il-bir jinżel għall-wisa' bħal qanpiena.
BJAD—(ġewż tal-qoton miftuħ). Eż. *Il-bjad jibda jbexxaq*; "il cotone comincia ad aprire".
BIXLA—Kif jidher il-bniedem, aktarx fl-ilbies; eż. *bixla ta' raħli.*
BLATA—Dik il-ġebla jew travu li jsaqqaf il-fetħa jew daħla ta' bieb u tiġi tpoġġi sewwa fuq il-koxox; dik il-ġebla minġura li tagħlaq u ssaqqaf tieqa: "l'architrave della porta" (pl. blajjet). Fuq il-blata jkun hemm iċ-ċovi.
BOBU—(flok babu?). Fil-għajdut "*Għamilna dawra tal-bobu*". i.e. kbira
BOQROM—Rewwixta. Eż. Inqajjem boqrom.

BOQLI—Nokkli, "treccie, curls". Eż. Tagħmel il-boqli f'rasha u toqgħodlok fil-gallarija.

BONJA—Rotta (?). Eż. Aqbad il-bonja (tkun bid-dgħajsa); newba, eż. bonja tax-xita.

BRAMA—Fîl twil jew ferq fil-blat fil-ġebla l-ħajja, li jibqa' nieżel 'l isfel dejjem jiftaħ u jkollu l-frieghi li jaqtgħu. Bi kliem ieħor, fejn il-blat jagħżel u l-ferqa tkun nieżla 'l isfel, jew vina ta' l-art ġejja minn fuq għal isfel. "L-ikbar brajjem ġejjin min-naħa tal-Lbiċ"; "Il-brama jkun fiha l-iskorċa tal-qawwi".

BRAJDLI—Frott tal-baħar ma tantx imfittex.

BRIKK—Bħal buqar ta' Franza, isaħħnu fih xi ħaġa; minn lewn id-doroġ (ċikkulata).

BRIM—Ħsebijiet imfettla, dawran tar-ras, eċċ.: "Dak li ma għandux x'jagħmel kemm iġiblek brim ġo rasek!"

BUQQIEGHA—(1) Ħarġa, ngħidu aħna, kejltejn raba', tlieta, nofs tomna. Eż. Kelli ħamest itmien qoton tħassritli buqqiegħa minnha. (2) Bħal dabra bl-ilma taħt il-ġilda, bħal visikant; lix-xjuħ tit-lagħlhom f'wiċċ saqajhom u idejhom: "vescica".

BUNAJJAR (bunajjàr)—Dak li jieħu ħsieb tal-forġa tal-magna; "fireman, fuochista".

BWEJBA—*Il-Bwejba*: post wara l-Isla fejn kienu jagħmlu l-bastimenti tal-qlugħ.

BUKAGHWAR—Tajra. *Meta tisma' l-bukagħwar igħajjat* (i.e. ħabta ta' Marzu u April) *saffar lis-summiena.*

BUHA—Mastka, u fil-wisgħa kull xorb li fih l-ispirtu. Tfisser ukoll *biha* (fis-sakra).

BUTA—Borża ċkejkna mdendla ma' l-imħadda tal-bizzilla biex jagħmlu kobob, ċumbini eċċ. fiha.

BUMBEWWAQ—Fdewwex, imqarrun jew kull xorta ta' għaġin fieragħ minn ġewwa. Eż. *Bumbewwaq bil-maħkuk.*

BUQ—Xkubetta b'waħda (kanna); "a single barrelled gun"; *Il-bwieq ta' għajnejja*, "the sockets of my eyes".

BURDNARI—It-toqob tad-dgħajsa magħmulin biex jinfexx l-ilma 'l barra. Kull dewlgħa jew kustilja żewġ burdnari.

BUS—Polz. *Meta Alla jtina l-bqija tax-xita jew ix-xita tal-kumplament il-bus taż-żbul jitwal 'il fuq mill-komma.*

BUŻULKUM—Marda fi griżmejn it-tiġieġ, titrabbielhom bħal qrejqċa twila. Tiġi mill-ikel tal-granza sħuna u titfejjaq bil-ħakk tat-tewm u l-basal. Tinstama' fil-għajdut *Tbati bil-bużulkum.*

ĊAFĊIEGHA—Siġra tat-tin żgħira.

ĊAFTURA—Ftira.

ĊARĊIRA GAMIEM—Ikun fiha minn tnax sa ħmistax-il waħda.

ĊALLAS—Jagħmel sħab ikrah. "Il-Lbiċ qiegħed iċallas".

ĊANFRIN—Xifer ta' ħaġa mmewwet jew imżerżaq.

ĊANTA—Biċċa raba' żgħira, għalqa żgħira.

ĊANTAR—Kiser fil-logħob, bħal għamel seħer lil sieħbu; tellfu l-herra li kien sejjer biha. "Iċċantarnix".

(*Fadal*)